**QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA))**

**IMHALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel., Mag. Jur. (Eur. Law)**

Illum 2 ta' Novembru, 2016

Rikors Guramentat numru : 15/12 AL

**A mart C sive D B minnu legalment separata f'isimha proprja u b'digriet tat-30 ta' Marzu 2015 giet nominata bhala kuratrici ad litem ta' uliedha minorenni K u M, ammessa ghall-ghajnuna legali**

**vs**

**C sive D B, R L, Joseph Gerada u id-Direttur tar-Registru Pubbliku**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors guramentat ippresentat mill-attrici, li permezz taghha ippremettiet :

**<u>DIKJARAZZJONI</u>**

i. Illi hija legalment separata minn zewgha l-konvenut C sive D B izda qabel ma sseparat legalment ghamlet xi zmien tabita mal-konvenut R L u minn din ir-relazzjoni

welldet lill-bintha K;

ii. Sussegwentement bdiet tiffrekwenta il-konvenut Joseph Gerada u minn din ir-relazzjoni twieled binha M;
iii. Illi meta twieldu dawn uliedha r-rikorrenti kienet ghadha mhux legalment separata u ghalhekk dawn iz-zewg tfal gew indikati bhala ulied il-konvenut D B;
iv. Illi ghalhekk ir-rikorrenti tixtieq li l-posizzjoni fattwali u legali tat-tfal taghha tigi korretta;

**<u>RAGUNI TAT-TALBA</u>**

i. Illi r-rikorrenti hija legalment separata minn zewgha l-konvenut C sive D B izda qabel ma sseparat legalment ghamlet xi zmien tabita mal-konvenut R L u minn din ir-relazzjoni welldet lill-bintha K;
ii. Sussegwentement bdiet tiffrekwenta il-konvenut Joseph Gerada u minn din ir-relazzjoni twieled binha M;
iii. Illi meta twieldu dawn uliedha r-rikorrenti kienet ghadha mhux legalment separata u ghalhekk dawn iz-zewg tfal gew indikati bhala ulied il-konvenut D B;
iv. Illi ghalhekk ir-rikorrenti tixtieq li l-posizzjoni fattwali u legali tat-tfal taghha tigi korretta;

Talbet l-konvenuti jghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex:

1. Tiddikjara u tiddeciedi li K u M mhumiex ulied naturali tal-intimat C sive D B;
2. Tiddikjara u tiddeciedi li bint ir-rikorrenti K hija l-bint naturali tal-intimat R L;
3. Tiddikjara u tiddeciedi li bin ir-rikorrenti M huwa l-iben naturali tal-intimat Joseph Gerada;
4. Tordna li ssir l-annotazzjoni necessarja fl-atti ta' twelid ta' K (Dok A) u ta' M (Dok B);

Bl-ispejjez kontra l-intimati minn issa ingunti ghas-subizzjoni;

Rat il-lista tax-xhieda tal-attrici;

Rat ir-risposta guramentata tal-konvenut Direttur tar-Registru Pubbliku, li permezz taghha eccepixxa : (fol. 21)

1. Illi preliminarjament għall-inqas mill-atti li ġew notifikati lill-esponent tidher li hemm nieqsa l-awtorizzazzjoni meħtieġa li permezz tagħha A B ġiet maħtura bħala kuratriċi *ad litem* tal-minuri K u M skont id-disposizzjonijiet tal-**Artikoli 782 u 783 tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta**;

2. Illi jiġi rilevat li fuq il-mertu b'mod partikolari dwar il-paternità tal-minuri K u M l-esponent naturalment mhuwiex edott mill-fatti li ġew iddikjarati fir-rikors ġuramentat u għalhekk huwa jirrimetti ruħu għar-riżultanzi proċesswali u kif ukoll għas-savju ġudizzju ta' din l-Onorabbli Qorti;

3. Illi bla ħsara għal premess, biex tirnexxi din l-azzjoni r-rikorrenti f'isimha proprju trid tipprova li fiż-żmien bejn it-tliet mitt ġurnata u l-mija u tmenin ġurnata qabel it-twelid kemm tal- minuri K kif ukoll ta` M, li kienet wettqet adulterju ma' R L u Joseph Gerada u barra minn hekk tipprova xi fatt ieħor li jistà wkoll ikunu testijiet u provi ġenetiċi li jindikaw ll-missier naturali tal-imsemmija minuri u dan *ai termini* tal-**Artikoli 77B tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta**;

4. Illi bla ħsara għall-premess f'każ li tintlaqa it-tieni talba attriċi l-esponent jinvita lill-intimat R L sabiex permezz ta' nota jispeċifika d-dettalji personali kollha tiegħu, senjatament (1) l-età tiegħu meta twieldet il-minuri K, (2) il-post tat-twelid tiegħu, (3) il-post ta' residenza tiegħu meta twieldet l-imsemmija minuri, (4) isem u kunjom ta' missieru u (5) jekk l-imsemmi missier patern kienx għadu ħaj meta twieldet it-tifla K. Tali informazzjoni hija meħtieġa biex tiġi eventwalment inserita fl-Atti tat-Twelid tal-fuq riferita K;

5. Illi bla ħsara għall-premess f'każ li tintlaqa it-tielet talba attriċi l-esponent jinvita lill-intimat Joseph Gerada sabiex permezz ta' nota jispeċifika d-dettalji personali kollha

tiegħu, senjatament (1) l-età tiegħu meta twieled il-minuri M, (2) il-post tat-twelid tiegħu, (3) il-post ta' residenza tiegħu meta twieldet l-imsemmija minuri, (4) isem u kunjom ta' missieru u (5) jekk l-imsemmi missier patern kienx għadu ħaj meta twieled Meclhior. Tali informazzjoni hija meħtieġa biex tiġi eventwalment inserita fl-Atti tat-Twelid tal-fuq riferit M;

6. Illi l-partijiet kontendenti għandhom jiddeċiedu b'mod definittiv liema kunjom għandhom jassumu l-minuri K u M a tenur tal-**Artikolu 92 (6) tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta**

7. Illi finalment dejjem mingħajr ħsara għal fuq espost, l-esponent jissottometti li fi kwalunkwe każ l-azzjoni tar-rikorrent mhijiex attribwibbli għal xi għemil jew nuqqas ta' aġir tal-esponent u kwindi huwa m'għandux jiġi assoġġettat għall-ispejjeż tal-kawża istanti;

8. Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjeż kontra r-rikorrenti li qegħdin jiġu inġunti in subizzjoni.

Rat il-lista tax-xhieda tal-konvenut Direttur tar-Registru Pubbliku;

Rat ir-risposta guramentata tal-konvenut Joseph Gerada, li permezz taghha eccepixxa : (fol 25)

1. Illi huwa gie ammess ghall-beneficcju tal-ghajnuna legali;
2. Illi t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt;
3. Illi in oltre l-eccipjenti jissoleva wkoll l-exceptio plurium concubentium kontra t-talbiet attrici;
4. Illi ma hemm ebda prova li l-esponent hu jew jista jkun il-missier naturali tal-minuri M, u semmai jispetta lill-attrici illi iggib prova cara ta' dan;
5. Illi f'kawza bhal dik odjerna, l-attrici trid qabel kollox tipprova li (a) fl-istess zmien tal-koncepiment hija ma kellhiex relazzjonijiet ma rgiel ohra; u (b) fl-istess zmien u qabel hija kienet qed tikkomporta ruhha moralment

daqshekk tajjeb li jista jigi eskluz li hi setghet kellha relazzjonijiet ma rgiel ohra, dan kjarament ma jidhirx illi kien il-kaz in kwantu tkun ir-rikorrenti stess illi fir-rikors promotur tikkonferma illi qabel ma bdiet tiffrekwenta lill-esponenti hija gia kienet f'relazzjoni amoruza ohra mal-konvenut l-iehor, R L;

6. Illi ghalhekk it-talbiet attrici fil-konfront tal-eccipjenti ghadhom jigu respinti bl-ispejjez;
7. Salv eccezzjonijiet ulterjuri;

Bl-ispejjez kontra l-atturi li gew ingunti ghas-subizzjoni;

Rat il-lista tax-xhieda tal-konvenut Joseph Gerada;

Rat illi l-konvenuti C sive D B u R L, minkejja li debitament notifikati, ma ppreżentaw l-ebda risposta u għalhekk ġew dikjarati kontumaċi.

Semghet lix-xhieda illi tressqu, id-dokumenti li gew esebiti u l-provi prodotti;

Rat illi l-kawza thalliet ghas-sentenza ghallum;

Ikkunsidrat :

Illi **R L**[1] xehed u kkonferma illi huwa l-missier naturali ta' K B. Ikkonferma li n-numru tal-karta tal-identita`tieghu huwa 314963(M) u li meta twieldet K kien jirrisjedi l-Belt Valletta. Missieru jismu Joseph u kien diġa mejjet meta twieldet K. Huwa kkonferma li lest jirrikonoxxi lil K bħala bintu.

Il-Qorti semgħet ix-xiehda tal-attriċi **A B**[2], fejn hija kkonfermat li bintha K, hija bint naturali ta' R L, filwaqt illi binha M huwa iben naturali ta' Joseph Gerada.

[1] Seduta tat-28 ta' Mejju 2014, fol. 44
[2] Seduta tat-28 ta' Mejju 2014, fol. 46

Illi **C sive D B**[3], kkonferma li huwa kien miżżewweġ lill-attriċi, iżda li huma separati. Jaf li l-attriċi kellha żewġt'itfal K u M u jżid jgħid li huwa m'huwiex il-missier naturali tagħhom.

Rat il-verbal tal-udjenza tat-28 ta' Mejju 2014, fejn l-attriċi u l-konvenut R L qablu li K għandha tassumi l-kunjom L Farrugia.

Semgħet ix-xiehda ta' **Joseph Gerada**[4], fejn dana nnega l-allegazzjoni tal-attriċi li l-minuri M huwa ibnu u dana stante li, skont hu, l-attriċi kellha diversi partners oħra fl-istess żmien li kellha wkoll relazzjonijiet sesswali miegħu. Huwa kkonferma li kellu relazzjonijiet sesswali mal-attriċi għal perjodu ta' ħames snin. Mistoqsi in kontro-eżami jekk kienx dispost li jagħmel it-test tad-DNA, huwa wieġeb fl-affermattiv, iżda qal li ma riedx iħallas għall-istess test.

Rat id-digriet tagħha tal-5 ta' Novembru 2014 li permezz tagħha ordnat li jittieħdu l-kampjuni għall-finijiet ta' testijiet xjentifiċi u ġenetiċi minn fuq il-persuna tal-konvenut Joseph Gerada sabiex jiġi stabbilit jekk huwiex il-missier naturali tal-minuri M.

Rat ir-rapport tad-DNA redatt minn Dr. Marisa Cassar, mahtura mill-Qorti għal dan l-iskop, u ppreżentat fid-19 ta' Diċembru 2014[5]. Dr. Cassar ikkonfermat bil-ġurament li hija ħadet il-kampjuni orali ta' Joseph Gerada (ID 346249M), ta' A B (ID 73072M) u ta' M B (ID 39999M) sabiex ikunu jistgħu isiru t-testijiet ta' DNA. Mit-testijiet li għamlet irriżulta illi Joseph Gerada (ID 346249M) hu l-missier naturali ta' M B (ID 39999M).

Rat il-verbal tal-udjenza tal-11 ta' Frar 2015 fejn Joseph Gerada, fuq domandi tal-Qorti, wieġeb illi huwa twieled fis-26 ta' Marzu 1926[6], ix-Xgħajra ta' Ħaż-Żabbar. Meta twieled il-minuri M, huwa kien jirrisjedi Marsaskala. Missieru jismu Anglu u kien diġa miet meta twieled M.

---

[3] Sedutat tat-28 ta' Mejju 2014, fol. 47

[4] Seduta tal-5 ta' Novembru 2014, fol. 55

[5] Fol. 60 et seq.

[6] Il-karta tal-identita` fol. 64 tindika li Joseph Gerada twieled fis-26 ta' Marzu 1949.

Rat il-verbal tal-udjenza tal-11 ta' Frar 2015 u dak tal-udjenza tal-1 ta' Ġunju 2016 fejn il-partijiet qablu li M għandu jassumi l-kunjom Gerada Farrugia.

Rat id-digriet tagħha tat-30 ta' Marzu 2015[7], fejn il-Qorti kkonfermat in-nomina tal-attriċi bħala kuratriċi *ad litem* għaż-żewġ minuri K u M B.

Rat illi permezz ta' nota datata 9 ta' Diċembru 2015 u wkoll fl-udjenza tal-4 ta' Marzu 2016, l-attriċi ddikjarat illi hija qed iċċedi t-talbiet tagħha għal dak li jirrigwarda l-paternita` ta' K B. Hija ddikjarat li tixtieq tipproċedi biss għal dak li jirrigwarda lill-minuri M B.

## KONSIDERAZZJONIJIET

Il-Qorti tibda billi tirrileva illi l-ewwel eċċezzjoni preliminari sollevata mill-konvenut Direttur tar-Reġistru Pubbliku ġiet sorvolata bid-digriet tagħha tat-30 ta' Marzu 2015, li permezz tiegħu l-Qorti kkonfermat in-nomina tal-attriċi bħala kuratriċi *ad litem* għaż-żewġ minuri K u M B.

Illi l-Qorti għandha quddiemha żewġ azzjonijiet miġbura f'kawża waħda, ossia l-azzjoni tal-omm f'isimha proprju ai termini tal-Artikolu 77C tal-Kodiċi Ċivili[8], u l-azzjoni tal-ulied minuri, debitament rappreżentati minn ommhom, ai termini tal-Artikoli 83 et. seq tal-istess Kodiċi.

<u>DWAR IL-PATERNITA` TAL-MINURI M B</u>

L-attriċi f'isimha proprju u f'isem binha minuri M, titlob illi l-Qorti tiddikjara li l-konvenut C B, żewġha minnu legalment separata, m'huwiex il-missier naturali tal-istess minuri, iżda li l-konvenut

[7] Fol. 80 tal-proċess.
[8] Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta

Joseph Gerada jiġi dikjarat bħala l-missier naturali u bijoloġiku tal-minuri M.

L-attriċi tikkonferma bil-ġurament li Gerada huwa missier il-minuri M, fil-waqt illi l-konvenut Joseph Gerada jinnega dan.

Illi l-aqwa prova f'kawżi bħal din huma t-testijiet xjentifiċi u ġenetiċi li fil-każ odjern ikkonfermaw il-probabilta 99.9999% li l-konvenut Joseph Gerada huwa l-missier bijoloġiku tal-minuri M. Fil-fatt l-esperta inkarigata mill-Qorti Dr. Marisa Cassar ikkonfermat illi "Mit-testijiet li għamilt irriżulta illi Joseph Gerada (ID No. 346249M) hu l-missier naturali ta' M B (ID No. 39999M)."[9]

In vista ta' dawn il-provi xjentifiċi, il-Qorti ser tilqa' t-talbiet attriċi f'dak illi jirrigwarda l-minuri M.

<u>DWAR IL-PATERNITA` TA' K B</u>

Oriġinarjament, l-attriċi f'isimha proprju u f'isem bintha minuri K, talbet ukoll illi l-Qorti tiddikjara li l-konvenut C B, żewġha minnu legalment separata, m'huwiex il-missier naturali tal-istess minuri, iżda li għandu jkun il-konvenut R L li jiġi dikjarat bħala l-missier naturali u bijoloġiku tal-minuri K.

Illi, kif diġa intqal, permezz ta' nota datata 9 ta' Diċembru 2015 u wkoll fl-udjenza tal-4 ta' Marzu 2016, l-attriċi ddikjarat illi hija qed iċċedi t-talbiet tagħha għal dak li jirrigwarda l-paternita` ta' K B.

Jirriżulta iżda li fit-28 ta' Lulju 2015, K B għalqet tmintax-il sena u għalhekk ma baqgħetx minuri u ma baqgħetx teħtieġ lil ommha sabiex tirrappreżentaha f'dawn il-proċeduri. Illi huwa preżunt li ladarba hija saret maġġorenni, assumiet l-atti weħidha mingħajr ir-rappreżentanza ta' ommha. Għalhekk kwalsiasi dikjarazzjoni li għamlet l-omm, wara it-28 ta' Lulju 2015, serviet sabiex iċċedi l-azzjoni tal-omm innifisha, imma ma

[9] Fol 61 tal-proċess

kellha ebda effett legali fuq l-azzjoni tal-bint biex tirregola l-paternita` tagħha. Dana qiegħed jintqal fid-dawl tal-fatt, illi l-kawża kif dedotta, tikkonsisti kemm fl-azzjoni tal-omm personalment, kif ukoll l-azzjoni tal-ulied rappreżentati mill-omm.

Illi għaldaqstant, f'dawn iċ-ċirkostanzi, l-Qorti ser tgħaddi sabiex tiddeċiedi wkoll dwar il-paternita` ta' K B.

Fil-każ ta' K, il-Qorti m'għandhiex quddiemha prova xjentifika bħalma huwa t-test tad-DNA, iżda trid isserraħ fuq it-testimonjanza mogħtija mill-partijiet. Fil-każ in eżami, l-Qorti semgħet lill-omm tiddikjara illi K hija bint il-konvenut R L. Semgħet ukoll lill-istess allegat missier naturali li, mingħajr tlaqliq, ikkonferma li huwa l-missier naturali ta' K. Fid-dawl ta' dan, il-Qorti, minkejja n-nuqqas tal-prova xjentifika, hija moralment konvinta li R L huwa l-missier naturali u bijoloġiku ta' K B.

Id-dikjarazzjoni rigwardanti l-kunjom li għandha tassumi K, saret[10] mill-omm kuratriċi, meta l-K kienet għandha minuri, u l-Qorti fin-nuqqas ta' dikjarazzjoni oħra li tattakka jew tibdel l-istess dikjarazzjoni, qed tikkonferma l-validita` tagħha.

## DEĊIDE

Għal dawn il-motivi, l-Qorti taqta' u tiddeċiedi din il-kawża billi tilqa' t-talbiet attriċi u tiddisponi mill-eċċezzjonijiet tal-konvenuti billi:-

1. Tiddikjara illi K B imwielda fit-28 ta' Lulju 1997 minn A B u l-minuri M imwieled fit-3 ta' Novembru 1999 minn A B m'humiex l-ulied naturali tal-konvenut C sive D B.

2. Tiddikjara illi K B imwielda fit-28 ta' Lulju 1997 minn A B hija bint naturali tal-konvenut R L detentur tal-karta tal-

[10] liema dikjarazzjoni saret fit-28 ta' Mejju 2014

identita` nnumerata 314963(M) u li meta twieldet K kien jirrisjedi l-Belt Valletta. Missieru, Joseph, kien diġa mejjet meta twieldet K.

3. Tiddikjara illi l-minuri M imwieled fit-3 ta' Novembru 1999 minn A B huwa iben naturali tal-konvenut Joseph Gerada, detentur tal-karta tal-identita` nnumerata 346249(M), imwieled fis-26 ta' Marzu 1949, fix-Xgħajra ta' Ħaż-Żabbar. Meta twieled il-minuri M, l-istess Gerada kien jirrisjedi Marsaskala, u missieru Anġlu kien diġa mejjet.

4. Tordna lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku sabiex fl-attI tat-twelid tal-imsemmija K u M B, jikkanċella l-kliem 'the said' mill-konnotati tal-omm, jikkanċella l-konnotati tal-konvenut C (D) B u minflok jitniżżlu isem u kunjom il-konvenuti L u Gerada rispettivament, u l-konnotati rispettivi tagħhom.

5. Tordna illi K tassumi l-kunjom L Farrugia, u għaldaqstant tordna lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku iniżżel annotazzjoni ta' din id-deċiżjoni fuq l-att tat-twelid ta' K.

6. Tordna illi l-minuri M jassumi l-kunjom Gerada Farrugia, u għaldaqstant tordna lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku iniżżel annotazzjoni ta' din id-deċiżjoni fuq l-att tat-twelid tal-minuri M.

Bl-ispejjeż kontra l-attriċi A B.